Steering Committee

Konvenzjoni Kostituzzjonali.

Pont Bejn Għawdex Reġjun u Malta Nazzjon

Filwaqt li nirringrazzja lill-Membri tal-invit biex nattendi din is-seduta, nixtieq nagħmilha ċara li lis-skop prinċipali bil-presenza tiegħi illum hawnhekk, hi biex ndaħħal lill-Għawdex fuq l-aġenda tal- Konvenzjoni Kostituzzjonali mħabbra, sabiex lis-status tal-gzira u l-aspirazzjonijiet tagħha jkunu fuq l-ordni tal-ġurnata fi zmien li ġej.

Ma nkunx qiegħed nikxef xi sigriet meta ntenni li jien flimkien ma bosta Għawdxin, nħoss li Għawdex għandu il-kredenzjali kollha biex jikkwalifika bħala Gzira Reġjun fl-Arċipelagu Malti, peress li mhux estensjoni ta' Malta, għax bejnithom hemm baħar mhux biss jaqsam izda jifred lill-Malta minn Għawdex u lill-Għawdex minn Malta, mhux biss fizikament imma haħna drabi b'għadd ta' karatteristiċi wkoll, li minn naħa tagħom ħolqu identita' Għawdxija distinta, b'timbru soċjali u kulturali identifikabbli. Ezempju ta' sinjifikat kbir għax jitkellem waħdu, hu dak li Għawdex għal dawn l-aħħar mija u sittin sena għandu id-Djoċesi u l-Isqof, bil-Kurja, bil-Knisja Katidrali u bis-Seminarju tiegħu,waħdu u għaliħ.

Għalhekk nħoss li Għawdex jaspira li jkollu doza qawwija ta' awtonomija permezz ta' politika regjonali amministrata minn Kunsill Reġjonali elett mill residenti t'Għawdex kif, wara kollox jezistu kunsilli simili fil-pajjizi tal-Unjoni Ewropea. Nfakkar biss li Għawdex għadda mill-esperjenza tal-Kunsill Ċiviku li ra il-bidu tiegħu fil-1961 u tmiemu fil-1973. Se nħalli hawn illum kopja tal-Ordinanza li waqfitu kif ukoll dokument b'diskorsi li saru waqt konferenza f'Għawdex minn kelliema awtorevoli,fl-okkazjoni tal-Ħamsin Anniversarju mill-waqfien ta' l-istess Kunsill. L-isem tat-tema ta' dik l-okkazjoni kienet:-"50 Sena mill-Kunsill Ċiviku—Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?"

Din tal-Kunsill Ċiviku kienet waħda mill-esperjenzi Għawdxin t'amminstrazzjoni lokali li seħħew u fejn jirrizulta wkoll li matul iz-zmienijiet kien hemm tentattiv, wieħed wara l-ieħor, ta' kif ikun l-aħjar amministrat Għawdex fi ħwejjġu. Saħansitra hu dokumentat li kien hemm zmien meta il-gzira kellha il-munita tagħha. Kien hemm amminstrazzjoni fi zmien il-Muniċipju Ruman (218 BC- AD 455); l-Universitas Gaudisii (1350-1818); il-Gvernatur fi zmien l-Ordni (1551-1798); il-Gvern provizorju fil-

perojodu tal- Francizi (1798); il-Kummissarju fi zmien l-Inglizi (1885-1973); il-Partit Għawdxi (1947-1950); il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex (1961-1973); il-Kumitat Parlamentari għal Għawdex (1983-1986); Il-Ministeru għal Ghawdex-1987 u il-Kunsilli Lokali 1993.

Madankollu d-diskors fuq l-istituzzjonalita' ta' Għawdex bħala Gzira Reġjun tul dawn l-aħħar snin, għalkemm zdied bil-bosta, baqa' biss diskors mingħajr ma zviluppa fil-konkret, minkejja li il-Partiti Politiċi Ewlenin tal-pajjiz staqarrew kemm 'l darba fil-manifesti elettorali tagħhom il-wegħda solenni li meta u jekk jkunu fil-gvern jagħtu bidu fil-proċess biex Għawdex jakkwista lis-status tiegħu ta'gzira reġjun fil-liġijiet tal-pajjiz u anki għaliex le, fil-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ikun hawn t'interess għal Konvenzjoni Kostituzzjonali li tosserva li ftit ta' snin ilu (2006), il-Kostituzzjoni ta' Malta ġiet emendata biex tagħmel lill-Għawdex Distrett Elettorali għaliħ waħdu. Infatti jekk qatt kien hemm bzonn ta' prova oħra jekk Għawdex għandux ikollu fil-pajjiz status ta' Reġjun, anzi ta' GziraReġjun ta' Malta kienet meta, il-Viċi Prim Ministru fil-Parlament Malti ressaq l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att ta' l-2006 li jemenda il-Kostituzzjoni ta' Malta."

Il-Ministru beda biex jgħid hekk dak inhar fil-Parlament:-"Mr Speaker" (li nsertajt kont jien) " din l-emenda li hija magħrufa bħala l-emenda kostituzzjonali dwar Għawdex qiegħda tipproponi li għal skopijiet ta' tfassil tad-distretti elettorali, Għawdex u Kemmuna għandhom jiffurmaw parti minn distrett, u dak id-distrett ikun magħmul biss minn Għawdex u Kemmuna, jiġifieri la jkun parti minn Malta u lanqas tinqata' parti minn Għawdex u tiġi ma Malta. Biex tiġi approvata, din l-emenda għandha bzonn l-appoġġ ta' zewġ terzi tal-membri kollha ta' dan il-parlament, jiġifieri għanda bzonn il-maġġoranza ta'44 deputat....."

Il-Kap ta' l-Opposizzjoni f'parti tad-diskors tiegħu stqarr dan li ġej:-" Aħna qed nerġgħu nagħmluha ċara, qed nerġgħu ntennu l-impenn tagħna, li dak li għandu x'jaqsam ma l-istituzzjonijiet reġjonali Għawdxin nemmnu li għandu jkun hemm pjan ta' zvilupp għal Għawdex fuq bazi reġjonali; nemmnu li għandu ikun hemm struttura ta' kunsill reġjonali għal Għawdex li tabilħaqq imbagħad istituzzjonalment u b'mod konkret jagħti sura istituzzjonali, jagħti direzzjoni u vizjoni lil Għawdex bhala reġjun, mhux bil-fomm 'l barra, imma bl-iktar mod qawwi li tabiħaqq ikun qiegħed jimplimenta deċizjonijiet li jkunu qed jittieħdu mill-Għawdxin għall-Għawdxin. Dak hu l-impenn tagħna li sostnejna u se

nibqgħu nsostnu fl-abbozz ta' pjan li għandha bħalissa għall-izvilupp reġjonali ta' Għawdex u li nkunu qed napprovaw f'konferenza ġenerali f'Għawdex stess lejn it-tielet ġimgħa ta' Lulju."

Il-Prim Ministru f'partijiet fl-għeluq tad-dibattitu qal hekk:-" ...Aħna dejjem poġġejna l-interessi tal-poplu Għawdxi u tal-gzira Għawdxija fuq quddiem nett. Anzi nzied ngħid ukoll li il-politika tal-PN f'dak li għandu x'jaqsam ma Għawdex dejjem kienet dik li Għawdex iġib valur mizjud lin-nazzjon kollu Malti fl-aspetti soċjali u ekonomiċi. Għalhekk matul is-snin dejjem wettaqna politika fejn lill Għawdex poġġietu dejjem fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni tagħna. Dan għamilnieħ sabiex nissalvagwardjaw dik l-identita' partikulari li din il-gzira għandha ġeografikament u fizikament. Il-mod kif zviluppaw il-gzejjer tagħna m'hijiex xa ħaġa li vvintajna aħna, imma hija xa ħaġa li tatna in-natura.............Finalment l-obbjettiv għandu ikun dak li il-gzira Għawdxija għandha tibqa għal dejjem gzira sħiħa fl-aspetti soċjali u ekonomiċi tagħha. Il-gzira Għawdxija għandha tibqa sħiħa mingħajr ma jkollna sistema li tippermetti sitwazzjoni fejn raħal minn Għawdex jinqala' minn posthu u jitpoġġa ma nħawi oħra f'Malta. Jiena naħseb li din znaturat xi ħaġa li kollha kemm aħna narawha bħala stramba..."

Fit-tarf tas-seduta jien bħala Speaker poġġejt il-mistoqsija. "Il-mistoqsija hi l-abbozz ta' liġi msejjaħ 'Att biex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta ikun moqri it-tieni darba. Dawk favur.Dawk kontra." Il-mozzjoni għaddiet nem con. Is-seduta nru 412 nzammet fis-7 ta' Lulju 2006. Tawwalt fuq din is-seduta partikulari parlamentari għax jidhirli li id-diskorsi riprodotti jimplikaw il-fatt sagrosant li Għawdex hu kandidat naturali biex jitqies bħala gzira reġjun ta' Malta, u għalhekk għandu kull dritt jiddomanda b'insistenza li il-liġijiet tal-pajjiz għandhom jirrikonoxxu u jirriflettu bla iktar telf ta' zmien u tkaxkir tas-saqajn l-effett ta' tali status.

Ridt nsemmi ukoll il-Gozo Declaration, dokument li il-Gvern Malti rabat ma l-applikazzjoni formali tiegħu għad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Għalkemm din id-Dikjarazzjoni kienet annessa mal-applikazzjoni u kienet ġejja minn naħa ta' Malta bħala dokument unilaterali, izda fiz-zmien ta' wara, qatt ma kien hemm xi oġġezzjoni formali minn naħa tal-UE f'dan ir-rigward. Din id-dikjarazzjoni fl-interpretazzjoni tiegħi serviet bħala qrara ġenerali u kuraġġuza mill-Gveri Malti, fejn stqarret biċ-ċifri u b'figuri kemm jezistu diskrepanzi serji fil-livelli ekonomiċi u soċjali bejn Malta u Għawdex u talbet li qabel kull Budget tal-UE il-Gvern Malti ikollu il-fakulta jitlob lill-Kummissjoni Ewropea

biex twaqqaf kummissjoni minn naħa tagħha, ħalli tistudja l-għeruq ta' dawn id-diskrepanzi, tipproponi rimedji ħa jiġu implimentati matul iz-zmien ta' l-istess budget ta' 7 snin. Dan l-ezerċizzju kellhu jkun ripetut qabel il-budgets suċċessivi. Ħaġa li b'dispjaċir ma saritx.

Fil-konkluzjoni nixtieq li dan id-dokument jista jservi ta' Pont Bejn Għawdex Reġjun u Malta Nazzjon fid-deliberazzjonijiet eventwali mistennija fil-Konvenzjoni Kostituzzjonali.

Anton Tabone,

Speaker Emeritu,

Frar 2019.